**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2008**
DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

| **IT-TIENI SENA** | **RELIĠJON** | **Ħin: Siegħa u nofs** |
|---|---|---|

**Isem:** ________________________________ **Klassi:** ________________

**Taqsima A** **(10 x 2 = 20 marka)**

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet

1. Min hu l-ewwel martri tal-Knisja?

_______________________________________________

2. Kemm hemm ittri miktuba minn appostli differenti fit-Testment il-Ġdid?

_______________________________________________

3. Min huma r-Reliġjużi?

_______________________________________________

4. Min huma l-Qaddisin?

_______________________________________________

5. Għaliex il-qaddisin huma importanti f'ħajjitna?

_______________________________________________

6. Għaliex l-erwieħ ta' dawk li jmutu fil-grazzja ta' Alla iżda m'humiex safja għal kollox imorru l-purgatorju?

_______________________________________________

7. San Pawl ma ' xiex ixebbah 'il-Knisja ta' Kristu?

_______________________________________________

8. X'kien jismu Pawlu qabel ma kkonverta għat-twemmin fi Kristu?

_______________________________________________

9. Semmi **żewġ** tbatijiet li għadda minnhom Pawlu biex ixandar u jibni l-Knisja ta' Ġesù?

_______________________________________________

10. X'għamel speċjali Stiefnu fil-waqt tal-mewt tiegħu?



_______________________________________________

**Taqsima B** Semmi **tliet**: **(5 x 3 = 15-il marka)**

1. għaqdiet reliġjużi fil-parroċċa tiegħek.

2. ħidmiet li tista' tagħmel int fil-parroċċa tiegħek.

3. ħidmiet importanti li jagħmlu s-saċerdoti fil-parroċċa.

4. ħidmiet li saru minn saċerdoti Maltin biex jgħinu lill-proxxmu.

5. qaddisin li għenu fl-edukazzjoni taż-żgħażagħ u lill-foqra.

**Taqsima Ċ** Fisser dawn il-kelmiet **(5 x 3 = 15-il marka)**

1. Omelija

2. Pastorali

3. Enċiklika



4. Konċilju

5. Knisja Kattolika

**Taqsima D** Fisser dawn is-sentenzi mill-Bibbja **(5 x 3 = 15-il marka)**

1. "Min jilqa' lilkom jilqa' lili, u min jilqa' lili jkun jilqa' lil dak li bagħatni". *(Matt 12, 40)*

2. “Dak li torbtu fl-art ikun marbut fis-sema u dak li tħollu fl-art ikun maħlul fis-sema”.

3. “Morru mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha u għammduhom fl-isem tal-Missier u ta’ l-Iben u ta’ l-Ispirtu s-Santu”. *(Matt 28,19)*

4. “Kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim ta’ l-appostli”. *(Atti 2, 42)*

5. “Għax jien kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni”. *(Matt 25, 35)*

**Taqsima E** Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet **(15-il marka)**

F’Ċesarija kien hemm wieħed jismu Kornelju, ċenturjun tar-riġment. Dan ir-raġel, flimkien mal-familja tiegħu kollha, kien bniedem sewwa u kellu l-biża’ ta’ Alla, kien jagħmel ħafna opri ta’ karità mal-poplu u kien dejjem jitlob lil Alla.



1. Kornelju kien (Lhudi, Ruman, Grieg). *(Agħmel sinjal taħt it-tajba).*
2. Kornelju kien l-ewwel (Lhudi, Samaritan, pagan) li tgħammed. *(Agħmel sinjal taħt it-tajba).*
3. X’kien ix-xogħol ta’ Kornelju?

4. X’taf fuq il-ħajja ta’ Kornelju?

5. Min għammed lil Kornelju?

6. X’fehem Pietru minn din il-ġrajja ta’ Kornelju?

**Taqsima F** **(20 marka)**

Agħżel **WAĦDA** minn dawn iż-żewġ mistoqsijiet (1 jew 2) u wieġeb fit-tul.

1. Din is-sena tgħallimt fuq il-ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli.

   (a) Ikteb **madwar 80 kelma** biex turi x'taf fuq dan il-ktieb (fuq l-awtur, kif inhu mqassam, fuq liema appostli jitkellem, xi siltiet li laqtuk).

   (b) Minn dan il-ktieb nitgħallmu kif kienu jġibu ruħhom flimkien l-ewwel insara. Ikteb kif kienet il-ħajja tagħhom bħala nsara (fejn kien jiltaqgħu, x'kienu jagħmlu, kif kienu jgħixu).

   (ċ) Int kif tista' timita din l-imġiba?

**JEW**

2. "Meta wasal l-Għid il-Ħamsin, huma kienu lkoll flimkien f'post wieħed. F'daqqa waħda ġie ħoss bħal ta' riħ qawwi u mela d-dar fejn kienu qegħdin."

   (a) Ikteb x'ġara dak inhar li l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-apppostli.

   (b) Ikteb ukoll il-ġrajja tat-torri ta' Babel.

   (ċ) **F'madwar 30 kelma** għid kif dawn il-ġrajjiet huma bil-maqlub ta' xulxin.